**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 18 ta' Mejju, 2001**

**Numru 7**

**Avviz. numru 1603/00JR**

**John Agius**

**vs**

**Carmelo Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm226.00), rapprezentanti spejjez gudizzjarji u drittijiet professjonali nkorsi mill-attur fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Lulju, 2000, fl-ismijiet: "Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs John Agius" li ttiehdu fil-konfront ta' l-attur wara rapport falz li**

**sar mill-konvenut; u fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Minorenni fl-4 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet: "Il-Pulizija vs Leo Agius", kif ukoll rapprezentanti spejjez ghat-tiswija tal-bieb tar-remissa numru 82, Telgha ta' Birkirkara, San Giljan, u tal-hgiega tal-bieb tar-residenza ta' l-attur, liema hsara giet ikkawzata mill-attur u minn ibnu minuri Leo Agius;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-7 ta' Lulju, 2000, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta b'kontro-talba presentata mill-konvenut fit-13 t'Ottubru, 2000, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu mhux biss ghax huma nfondati fattwalment u legalment izda wkoll ghax huma nsostenibbli u ma jistghux jigu avvanzati b'dan il-mod fuq bazi legali u dana ghal diversi ragunijiet fosthom is-segwenti:**

- **i.** **nullita` ta' l-avviz peress li ma hemmx indikat iz-zmien in kwistjoni;**
- **ii.** **preskrizzjoni ta' l-istess azzjoni ntavolata mill-attur fil-konfront ta' l-ammont kollu u/jew parti minnhom skond kif ser jigi maqsum mill-istess attur, haga li naqas li jaghmel fl-avviz tieghu;**
- **iii.** **spejjez gudizzjarji fil-kawza kriminali deciza fit-3 ta' Lulju, 2000 ma jezistux la fattwalment u lanqas legalment;**
- **iv.** **drittijiet professjonali ghall-istess kawza kriminali ndikata fil-klawsola numru 3 ma jigux likwidati u stabbiliti u definiti b'dan il-**

**mod u ghalhekk it-Tribunal mghandux kompetenza f'dan ir-rigward;**

v. **Dwar l-allegata hsara fil-bieb u hgiega jinghad li fattwalment ma hux minnhu li l-hsara, jekk hemm, saret mill-konvenuti, tant hu hekk li fil-proceduri kriminali, John Agius kien harrek biss lill-minuri Agius li gie liberat u mhux lil missieru Carmelo Agius ukoll;**

vi. **Preskrizzjoni ta' l-azzjoni f'dan ir-rigward.**

**Fil-kontro-talba tieghu il-konvenut talab il-hlas ta' mija sitta u hamsin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm156.15) rappresentanti valur ta' hsarat kagunati mill-attur fil-vettura maghrufa bhala JCB.**

**Semgha x-xhieda ta' Leon Agius. Ra l-affidavits ta' John Agius u ta' Carmelo Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dwar l-eccezzjoni ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez ghad-drittijiet professjonali inkorsi fil-proceduri kriminali, ghandu jigi rilevat li l-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi ghat-tariffi li**

**jithallsu f'tali proceduri. Ma hix kompetenza ta' dan it-Tribunal li jillikwida u jiffissa l-ammont dovut fir-rigward ta' tali proceduri.**

2. **Dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenut it-Tribunal jirrileva li dawn mghandhom ebda validita` peress li ma giex indikat liema artikolu tal-preskrizzjoni qed jigi invokat, u ghalhekk ma hemmx lok li dawn jigu kunsidrati.**

3. **Dwar l-eccezzjoni tan-nullita` sollevata mill-konvenut, in kwantu ma gietx indikata d-data, dina ma treggix ghaliex din tirrizulta mill-provi.**

4. **Jibqa' biss biex jigu kunsidrati t-talba ghall-hsarat allegatament kagunati fil-bieb u hgiega ta' l-attur minn iben il-konvenut, u l-kontro-talba tal-konvenut ghall-hsarata li garrab fl-hekk imsejha JCB.**

5. **Dwar it-talba attrici jigi rilevat li din qed issir kontra l-konvenut personalment u mhux bhala kuratur ta' ibnu minuri Leon.**

**Pero` apparti dan il-fatt, ma jirrizultax pruvat li l-hsara fil-fatt ghamilha l-imsemmi Leon Agius. It-Tribunal ma hux qed jibbaza dan tant fuq ix-xhieda ta' l-imsemmi Leon Agius, ghax ghandu d-dubbji serji fir-rigward tal-veracita` ta' l-istess, pero` fuq il-fatt li l-istess Leon Agius ma kienx wahdu, u li l-konvenut ma rax lill-imsemmi Leon Agius attwalment jikkawza l-hsara. Tassew l-attur jirreferi ghall-dak li qallu certu Mangion li kien ma' Agius,**

**pero` fic-cirkostanzi t-Tribunal ma jhossx li jista` joqghod biss fuq tali allegazzjoni biex jistabilixxi jekk kienx responsabbli jew le l-imsemmi Leon Agius. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.**

6. **Bl-istess mod it-Tribunal ma jhossx li gie pruvat soddisfacentement li kien l-attur li kkawza xi hsara fl-imsemmija JCB. Anke f'dan ir-rigward il-kontro-talba qed tigi michuda.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara ruhu mhux kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba rigwardanti spejjez emergenti minn proceduri kriminali, u filwaqt li jirrigetta l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati kif inghad, u peress li fil-meritu t-talbiet ta' l-attur u tal-konvenut ma gewx soddisfacentement pruvati, qed jichad sija t-talba attrici kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenut.**

**Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**